MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. KEVIN MOMPALAO

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 35/2012

Xlendi Tourist Services Limited u ghal kull interess li jista jkollu George Galea.

-vs-

Joseph u Michelina konjugi Buttigieg

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) illi permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lilhom is-somma ta' tlett elef mija u sitta u ghoxrin ewro u tmienja u disghin centezmu (€ 3126.98) dovuti bhala hlas ta' appogg, meta l-konvenuti appoggaw il-bini taghhom mal-fond ta' l-atturi fl-indirizz 'Casa Sammy A', Triq ta' Seguna, Sannat, Ghawdex. L-imsemmi ammont jinkludi s-somma ta' tnejn u sebghin Ewro (€72) dovuti bhala hlas tal-perit Emanuel Vella li illikwida l-ammont ta' hlas ta' appogg, dovut lil atturi. Bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

Ra ir-risposta tal-konvenuti fejn bl-ewwel eccezzjoni gie sollevat illi trid tingieb prova ta' min mill-atturi hu is-sid, jekk hux Xlendi Tourist Services Limited jew George Galea; dak il-wiehed mill-atturi li mhux sid ma ghandux interess guridiku li jressaq din il-kawza, u ghallhekk t-talba intavolat minn dak l-attur li mhux sid ghandha tigi rifjutata bl-ispejjes. Fit-tieni lok l-konvenuti jikkontestaw l-ammont pretiz, stante illi huma tenuti li jhallsu biss ghal dik il-parti li huma rrendew komuni u mhux ghal hajt kollu kif mitlub. In oltre l-ammont mitlub mill-atturi huwa esagerat. Fit-tielet lok il-konvenuti jidrilhom illi huma ghandhom ihallsu is-somma ta' elf sitt mija u sebgha u tmenin ewro u erbgha u disghin centezmu (€ 1687.94) likwidati mill-Perit taghhom l-AIC Joseph Dimech, li minnu jridu jonqsu nofs id-drittijiet ta' l-istess perit . Il-konvenuti jghidu li l-attur George Galea, irrifjuta din is-somma u per konsegwenza huma procedew biex jidddeposzitaw l-istess taht l-awtorita tal-Qorti.

Ra n-nota ta' l-atturi tad-9 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz taghha rriducew it-talba taghhom ghal elfejn hames mija u tlieta u hamsin Ewro u sebgha u ghoxrin centezmu (€ 2553.27)

Ra' l-atti kollha tal-kawza, inkluz n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ra is-sentenza preliminari tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru ta-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz taghha gew decizi uhud mill-punti ta' kontrovesrsja bejn il-partijiet, kif ukoll giet ordnata perizja teknika.

Ra ir-rapport tekniku

Ra d-digrieti kollha tieghu nkluz dak tat-tletin (30) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi permezz tas-sentenza preliminari tieghu tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) gew decizi minn dan it-Tribunal uhud mill-punti ta’ kontroversja bejn il-partijiet, kif ukoll giet ordnata perizja teknika.

L-espert tekniku Saviour Bonello halef ir-rapport tieghu seduta stante fit-tletin (30) ta’ Jannar tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Dan it-tribunal fela bir-reqqa r-rapport ta’ l-espert tieghu u jidhirlu illi huwa rapport gust u ghaqli li wiehed ma ghandu xejn x’jiccensura fih. Di piu l-anqas l-partijiet ma ressqu xi kritika ghal dan ir-rapport. Jidher ukoll illi fir-rapport tieghu l-espert tekniku mexa fuq il-gwida moghtija lilu fis-sentenza preliminari. Ghalhekk fic-cirkostanzi dan it-tribunal ma jara li hemm xejn li ghandu jostakolah milli jaddotta l-konkluzjonijiet ossia l-konteggi raggunti fir-rapport, bhala tieghu.

Fir-rigward tal-hajt li jifred il-gonna u btiehi rispettivi taz-zewgt fondi fuq in-naha ta’ wara dan it-tribunal fis-sentenza preliminari tieghu kien irriserva illi jaghmel temparament fil-hlas dovut stante illi l-hajt mhux strutturalment sod kemm ghandu jkun. Fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, wara li gie meqjus ix-xoghol tal-hajt, u n-natura tad-difett konstatat, huwa jqis illi dan it-temperament ghandu jkun fil-percentwal ta’ ghoxrin fil-mija (20%) tal-prezz tal-hajt kollu. It-total tal-prezz ta’ dan il-hajt li jinsab fit-tieni pagna tar-rapport tekniku (fol 128) jammonta ghal € 822.15. Imnaqqas b’ghoxrin fil-mija (20%), dan jirrendi s-somma ta’ sitt mija u sebgha u hamsin Ewro u tnejn u sebghin

centezmu (€ 657.72). Din is-somma ma tinkludix it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, li l-espert tekniku ikkalkula fl-ahhar.

Din is-somma ta’ sitt mija u sebgha u hamsin ewro u tnejn u sebghin centezmu (€ 657.72) unita flimkien mal-hlas tal-bqija tal-hajt li jifred iz-zewg binjiet fl-ammont ta’ tlett elef mija u tmienja u sebghin Ewro u tnejn u sebghin centezmu (€3178.72); tirrendi total ta’ tlett elef tmien mija u sitta u tletin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€ 3836.44). Mizjuda bit-taxxa fuq il-valur mizjud bir-rata ta’ tmintax fil-mija (18%); l-valur intier jissomma ghal erbat elef hames mija u sebgha u ghoxrin ewro (€ 4527). Nofs dan l-ammont li ghalhekk jirraprezenta dak dovut mill-konvenjuti in lineja ta’ appogg jammonta ghal elfejn mitejn u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€2263.50).

Jirrizulta illi l-ammont offrut bi hlas mill-konvenuti u li eventwalment spicca anke depozitat taht l-awtorita tal-Qorti kien l-ammont ta’ elf sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€1687.94); li huwa ammont inferjuri sew ghal dak fuq likwidat. Ghalhekk l-kumpanija attrici ghamlet sew li ma accettatx dak l-ammont, specjalment jekk dan gie offrut a saldu.

Dwar il-pretensjoni tal-hlasijiet tal-periti rispettivi, dan it-tirbunal ihoss biss illi huwa ekwu illi galadarba il-partijiet kellhom kull wiehed il-perit taghhom li kien qed jassistihom, u li effettivament it-tnejn kellhom imprecizjonijeit fil-konteggi taghhom, kull parti ghandha tbghati l-hlas tal-perit taghha u ghalhekk it-talba ghal-hlas ghal perit mitlub mill-atturi ma ghandiex tigi akkolta.

Illi kif intqal fis-sentenza preliminari George Galea personalment ma kellu l-ebda interess guridiku fil-proponiment ta’ din il-kawza u ghalhekk l-konvenuti ghandhom jigu liberati mit-talbiet minnu diretti personalment. Dan ser jigi wkoll rifless fl-allokazzjoni ta’ l-ispejjes.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jichad it-talbiet kwantu proposti minn George Galea personalment; jilqa it-talbiet ta’ l-attrici Xlendi Tourist Services Limited in parte kif fuq spjegat; jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici Xlendi Tourist

Services Limited is-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€2263.50) u jichad l-eccezzjonijet tal-konvenuti sakemm mhux kompatibbli mal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula; bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza l-qudiem. Fic-cirkostanzi l-ispejjes konnessi mal-perizja teknika (inkluz d-drittijiet ghal l-access) jithallsu sest (1/6) minn l-attrici Xlendi Tourist Services Limited u hames sesti (5/6) mill-konvenuti flimkien u solidament bejniethom. Fil-waqt li l-bqija ta' l-ispejjes jithallsu sest (1/6) mill-attur George Galea, sest (1/6) mill-attrici Xlendi Tourist Services Limited u erba sesti (4/6) pari ghal zewgt terzi (2/3) mill-konvenuti flimkien u solidament bejniethom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------